MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 2837/1997/1

**Joseph u Rose konjuġi VASSALLO**

**vs**

**Joseph DELIA u Pauline Delia li b'degriet tal-11 ta' Marzu, 1999, ġiet imsejħa fil-kawża**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-15 ta' Diċembru, 1997, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li l-Qorti tiddeċiedi li l-imħarrek naqas li jwettaq l-appalt li huma qabbduh jagħmel billi ma lestiex ix-xogħol kollu miftiehem u wkoll billi naqas li jsewwi fejn ta xogħol ħażin; tordnalu li jagħmel kulma ntrabat bih fiż-żmien li jingħatalu mill-istess Qorti; u, f'każ li l-imħarrek xorta waħda jonqos, li tikkundannah iħallas il-penali miftehma bejnu u l-atturi, sa dak inhar li jwettaq kulma ntrabat bih;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek Joseph Delia fit-13 ta' Novembru, 1998, li biha laqa' għall-azzjoni tal-atturi billi qal li ċ-ċitazzjoni ma tiswiex għaliex il-ġudizzju m'huwiex sħiħ ladarba martu tħalliet barra mill-kawża; minbarra dan, l-azzjoni tressqet wara ż-żmien ta' tmintax-il (18) xahar minn meta messha nbdiet. Fil-mertu, qal li t-talbiet attriċi m'humiex mistħoqqa għaliex l-attur kien jheddu bla heda u ma jħallsux tax-xogħol lest skond kif ikunu ftehmu;

Rat il-Kontro-talba mressqa mill-imħarrek flimkien man-Nota tal-Eċċezzjonijiet tiegħu li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li l-Qorti tiddikjara li l-atturi jaħtu għad-danni minnu mġarrba minħabba li ordnawlu xogħlijiet li tagħhom ma ħallsuhx, u biex tikkundannahom iħallsuh dawk id-danni;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-11 ta' Marzu, 1999[1], li bih u fuq talba magħmula mill-atturi bir-rikors tagħhom tas-17 ta' Frar, 1999, ordnat li tissejjaħ fil-kawża mart l-imħarrek, Pauline Delia;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imsejħa fil-kawża Pauline Delia fit-13 ta' Mejju, 1999, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li l-azzjoni tagħhom tressqet wara ż-żmien ta' tmintax-il (18) xahar minn meta messha nbdiet. Fil-mertu, tenniet l-istess eċċezzjonijiet ta' żewġha, dwar it-theddid min-naħa tal-atturi u wkoll dwar in-nuqqas ta' ħlas għal xogħol imwettaq;

Rat is-sentenza preliminari tas-16 ta' Ġunju, 2000[2], li biha l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-imħarrek ma ntlaqgħetx;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet u mogħtija quddiem il-Qorti (diversament presjeduta);

Rat li fil-21 ta' Marzu, 2001, il-kawża tħalliet għat-trattazzjoni tal-għeluq;

---

[1] Paġ. 24 tal-proċess
[2] Paġġ. 42-6 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-25 ta' Ġunju, 2001[3], li bih u wara li l-avukat tal-atturi irrilevaha waqt is-smigħ ta' qabel, iddikjarat li n-notifika tal-kontro-talba ma kinitx tiswa għaliex, minflok saret lill-atturi, saret lill-avukat tagħhom;

Rat li l-imħarrkin innotifikaw lill-atturi bil-kontro-talba tagħhom f'Ġunju tal-2004;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-atturi rikonvenuti fis-17 ta' Ġunju, 2004, li biha laqgħu għall-imsemmija kontro-talba billi qalu li din ma kinitx tiswa għaliex kienet saret minn żewġ imħarrkin, meta, sa dak iż-żmien, kien hemm biss imħarrek wieħed. Fil-mertu, jiċħdu li l-imħarrek qatt kien mhedded biex jagħmel ix-xogħol li aċċetta li jagħmel jew li, b'xi mod, ġarrab xi danni minħabba l-appalti. Fuq kollox, l-atturi jgħidu li ladarba lanqas fil-kontro-talba, l-imħarrek ma talabx it-tħassir tal-obbligazzjoni, dan kien ifisser li huwa kien jaċċettaha;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-14 ta' Diċembru, 2004[4], li bih ordnat li ssir it-trattazzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tal-atturi dwar is-siwi tal-kontro-talba;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari tal-atturi rikonvenuti;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Jannar, 2005, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal dikjarazzjoni li appaltatur ma wettaqx ix-xogħol li tqabbad jagħmel u biex il-Qorti tagħtih żmien biex itemmu u, f'każ li jibqa' ma jlestix, li jeħel penali kuljum sakemm itemm ix-xogħol kollu miftiehem;

3 Paġ. 91 tal-proċess
4 Paġ. 112 tal-proċess

Illi l-appaltatur imħarrek jgħid li huwa ma tħallasx tax-xogħol li għamel, u, fuq kollox, kien mhedded biex jagħmel ix-xogħol ordnat minnu mill-atturi appaltanti. Jgħid li, minbarra x-xogħol oriġinali li qabbduh jagħmel, kienu jżidu ordnijiet għal nies oħrajn u jġegħluh jaċċetta xogħol ieħor li tiegħu ma kinux iħallsuh jew, saħansitra, jnaqqsulu l-valur tiegħu.  Ta' min jgħid li n-Nota tal-Eċċezzjonijiet tressqet biss mill-imħarrek;

Illi l-imħarrek (u din id-darba biż-żieda ta' martu) ressaq wkoll kontro-talba biex jitolbu l-ħlas tad-danni li ġarrab l-imħarrek minħabba t-theddid tal-attur rikonvenzjonat u wkoll minħabba n-nuqqas ta' ħlas għax-xogħol imwettaq;

Illi l-imsemmija kontro-talba kienet ġiet notifikata lill-avukat tal-atturi f'Mejju tal-1999[5].  Dak iż-żmien ma saritx Nota tal-Eċċezzjonijiet mill-atturi għall-imsemmija kontro-talba fiż-żmien li kienet tagħti l-liġi;

Illi, sadanittant, l-atturi (dejjem fid-dawl tal-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek u martu) kienu talbu s-sejħa fil-kawża ta' mart l-imħarrek, liema talba ntlaqgħet f'Marzu tal-1999.  Mhux hekk biss, imma malli mart l-imħarrek laqgħet in-notifika tal-att taċ-Ċitazzjoni, ressqet Nota tal-Eċċezzjonjiet fuq l-istess linja li kienet diġa' tressqet in-Nota tal-Eċċezzjonijiet minn żewġha (f'isimha wkoll) madwar sena w nofs qabel;

Illi, meta l-provi kollha fil-mertu kienu nstemgħu u l-kawża kienet tħalliet għat-trattazzjoni tal-għeluq, l-avukat tal-atturi qanqal il-kwestjoni tas-siwi tan-notifika tal-kontro-talba, u dan għaliex l-att kien ġie notifikat lilu u mhux lill-klijenti tiegħu, kif titlob il-liġi tal-proċedura[6].  Bid-degriet tagħha tal-25 ta' Ġunju, 2001, il-Qorti kif dak inhar presjeduta kienet laqgħet ir-rikjam magħmul lilha u iddekretat li n-notifika tal-kontro-talba ma kinitx tgħodd u ordnat lill-imħarrek jerġa' joħroġ l-att għan-notifika;

[5] Ara r-riferta f'paġ. 26 *tergo* tal-proċess
[6] Art. 398(3) tal-Kap 12

Illi l-atturi, fl-aħħar, ġew notifikati bil-kontro-talba fil-bidu ta' Ġunju tal-2004, u ressqu n-Nota tal-Eċċezzjonijiet tagħhom għaliha fiż-żmien xieraq;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-atturi rikonvenuti, jiġifieri jekk il-kontro-talba tiswiex fir-rigward ta' Pauline Delia, ladarba, meta saret, mart l-imħarrek ma kinitx parti fil-kawża;

Illi l-Qorti tibda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbuta mal-eċċezzjoni taħt eżami billi tqis li wieħed irid jagħraf bejn is-**siwi tal-att ġudizzjarju** li jkun u s-**siwi tan-notifika** tiegħu. Din il-Qorti terġa' ttenni, bħalma kellha okkażjoni tagħmel f'każijiet oħrajn, li n-nuqqas ta' siwi tan-notifika ma jġibx in-nuqqas ta' siwi tal-att ġudizzjarju li ma jkunx ġie sewwa notifikat. Dan qiegħed jingħad għaliex biex l-atturi kienu f'qagħda li jressqu l-eċċezzjoni taħt eżami, qanqlu l-kwestjoni tas-siwi tan-notifika tal-kontro-talba. Kif ingħad, dan sar meta l-provi kollha fil-mertu kienu diġa' nstemgħu u l-kawża kienet saħansitra tħalliet għat-trattazzjoni tal-għeluq, u, donnu li f'dak il-waqt l-atturi (jew aħjar, l-avukat tagħhom ta' dak iż-żmien) intebħu li kienu "kontumaċi" fir-rigward tal-azzjoni rikonvenzjonali. Meta, mbagħad, il-Qorti kienet laqgħet dak ir-rikjam u ordnat lill-imħarrek jinnotifika l-kontro-talba lill-atturi, l-atturi ħarġu bl-eċċezzjoni preliminari dwar is-siwi tal-att;

Illi l-bażi tal-eċċezzjoni tal-atturi hi li, fil-waqt li tressqet il-kontro-talba mill-imħarrek Joseph Delia u martu Pauline, din Pauline lanqas biss kienet parti fl-atti tal-kawża. Madankollu, u sewwasew minħabba l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek (kemm hu hekk, din kienet ir-raġuni msemmija fir-rikors tal-atturi fir-rikors tagħhom tas-17 ta' Frar, 1999[7]), huma talbu li tissejjaħ fil-kawża Pauline Delia, liema talba ntlaqgħet. U sa ma l-atturi laqgħu formalment in-notifika tal-Kontro-talba tal-miżżewġin Delia, Pauline Delia kienet fil-kawża. Jiġifieri, l-Qorti għandha quddiemha qagħda fejn Nota tal-Eċċezzjonijiet tressqet mill-persuna waħedha li ġiet imħarrka; fl-istess Nota tal-Eċċezzjonijiet tressqet Kontro-talba mill-persuna

[7] Paġ. 22 tal-proċess

mħarrka u persuna oħra li sa dak iż-żmien ma kinitx fil-kawża; sadattant, il-persuna li ma kinitx imħarrka mill-bidu ssejħet fil-kawża; u wara madwar ħames snin, il-kontro-talba ġiet notifikata lill-atturi;

Illi l-Qorti trid għalhekk tistħarreġ l-ewwel nett jekk il-Kontro-talba kinitx tgħodd minħabba li kienet tressqet minn persuna li ma kinitx waħda li tħarrket sa mill-bidunett;

Illi l-atturi jgħidu li ladarba l-kawża saret biss kontra l-imħarrek Joseph Delia, martu ma setgħet bl-ebda mod tressaq il-Kontro-talba ladarba sa dak inhar ma kinitx parti fil-kawża. Fuq kollox, iżidu jgħidu li l-kontro-talba ssir biss mill-parti mħarrka[8], u li din issir **fin-**Nota tal-Eċċezzjonijiet u mhux **man**-Nota tal-Eċċezzjonijiet[9]. Huma jtennu li n-Nota tal-Eċċezzjonijiet u l-Kontro-talba huma att ġudizzjarju wieħed;

Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrek u martu l-imsejħa fil-kawża jissottomettu li dak li x'aktarx ġara hu li, minħabba l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek, dan antiċipa li kienet sejra tintalab is-sejħa fil-kawża ta' martu u li dik it-talba kienet sejra tintlaqa', u allura ħasbu li jistgħu iressqu kontro-talba konġunta;

Illi l-Qorti tqis li l-liġi[10] titlob li, għar-rigward tal-partijiet f'azzjoni rikonvenzjonali, min iressaq il-kontro-talba għandu jagħmel hekk fl-istess kwalita' li fiha jkun tħarrek. Titlob daqstant ieħor li l-kontro-talba ssir kontra l-parti (oriġinarjament) attriċi fl-istess kwalita' li dik tkun dehret meta fetħet il-kawża oriġinali. Dwar il-partijiet, ma tintalab l-ebda ħtieġa oħra. Fil-każ li għandna quddiemna, l-imħarrek ressaq il-kontro-talba fl-istess kwalita' li huwa kien imħarrek biha. Ressaqha wkoll kontra l-atturi fl-istess kwalita' li fiha huma fetħu l-kawża. Il-kwestjoni hija jekk, flimkien mal-parti mħarrka, tidħol parti oħra li ma kinitx fil-kawża, il-kontro-talba tkunx għal kollox mingħajr siwi jew

[8] Art. 396(1) tal-Kap 12
[9] Art. 398(1) tal-Kap 12
[10] Art. 400 tal-Kap 12

tkunx bla siwi biss fir-rigward tal-persuni li "jiżdiedu" mal-imħarrek oriġinali;

Illi tajjeb li jingħad li l-Qorti temmen li s-siwi ta' att ġudizzjarju jrid jitqies b'riferenza għaż-żmien li fih l-att ikun tressaq. Jekk meta tressaq l-att, ma kienx milqut minn xi nullita', ma jidhirx li wieħed jista' jara xi nullita' li "tiżviluppa" fl-att aktar 'il quddiem. Daqstant ieħor l-ebda att li jkun bla siwi meta jitressaq ma jista' jikseb saħħtu lura u jsir jgħodd[11]. Fil-każ li għandna quddiemna, meta tressqet il-Kontro-talba, Pauline Delia ma kinitx għadha ddaħħlet bħala parti fil-kawża. Pauline Delia, għalhekk, ma setgħetx tagħmel il-Kontro-talba, għaliex kontra tagħha, sa dak iż-żmien, ma kenitx għadha saret talba. Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni li saret li, ladarba setgħet tissejjaħ fil-kawża, allura "antiċipat" id-difiża tagħha billi "preventivament" ressqet il-Kontro-talba ma' żewġha. Kieku tassew kienet temmen dan, ma kellhiex għalfejn (bħalma fil-fatt għamlet) tressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet hekk kif, **bħala persuna msejħa fil-kawża**, laqgħet in-notifika tal-Att taċ-Ċitazzjoni;

Illi huwa miżmum minn sensiela twila ta' deċiżjonijiet, li element ewlieni li jsejjes is-siwi ta' azzjoni rikonvenzjonali huwa dak li, minbarra l-konnessjoni msemmija mil-liġi, irid jirriżulta wkoll li jista' jagħmel użu minnha biss l-imħarrek fil-kwalita' li huwa jkun tħarrek fiha fl-azzjoni oriġinali[12];

Illi l-Qorti tħossha fid-dmir li tagħmilha ċara li l-fatt li għan ta' parti mħarrka jkun li ġġib fix-xejn azzjoni mressqa kontriha ma jirrendix ġustifikat invarjabbilment it-tressiq ta' att ġudizzjarju fl-għamla ta' rikonvenzjoni. L-istess għan jintlaħaq b'Nota tal-Eċċezzjonijiet. Ma kien qatt il-ħsieb tal-leġislatur li jirrendi l-azzjoni rikonvenzjonali bħala strument ordinarju li bih kull kawża tfaqqas fi tnejn. Kemm hu hekk, ir-rikonvenzjoni hija rimedju straordinarju proċedurali li għandu ħsieb u għan speċifiku, u kemm hu hekk hija waħda minn dawk il-proċeduri li l-Kodiċi isejjaħ "speċjali". Dan jingħad ukoll minkejja li l-jedd li titressaq talba rikonvenzjonali huwa mogħti lill-imħarrek mingħajr

---

[11] Art. 98 tal-Kap 12
[12] Ara P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Alexis Vella et noe vs David Jones et noe***

limitu dwar l-għamla ta' azzjoni li fiha tista' ssir[13]. Iżda dan ma jistax jiġi sewwa mfisser jekk mhux fid-dawl tal-kliem ewlieni ta' dak l-artikolu, u preċiżament mal-ħtieġa li bejn talba u kontro-talba jrid ikun hemm konnessjoni u li tali konnessjoni trid tinstab bejn l-istess partijiet[14];

Illi wara li l-Qorti ħasbet sewwa dwar is-sitwazzjoni li toħroġ minn dawn il-ġrajja fil-kawża, tasal għall-fehma li l-eċċezzjoni taħt eżami tirreferi sewwasew għan-**nullita' tal-preżentata** tal-Kontro-talba aktar milli n-**nullita' tal-Kontro-talba vera u proprja.** Filwaqt li tal-ewwel tfissret bħala "nullita' virtwali", f'tat-tieni n-nullita' tkun "testwali". Kif ingħad f'sentenza mirquma u li stħarrġet sewwa din id-differenza, "*in-nullitajiet huma odjużi, ma jistgħux jiġu preżunti, ma jistgħux jiġu estiżi minn każ għal ieħor, u in ġenerali, jirripunjaw għaż-*zeitgeist *modern li huwa kuntrarju għar-ripetizzjoni tal-kawżi u atti ġudizzjarji u għall-moltiplikazzjoni tal-ispejjeż u t-telf ta' żmien anti-ekonomiku ħlief għal raġunijiet verament serji. Hekk l-annali tal-ġurisprudenza tagħna, matul l-aħħar ħamsin sena u iżjed, juru ruħhom fekondi f'eżempji għoljin ta' ġudikatura prattika li tagħmel kulma tista', fil-limiti tas-sewwa, biex issalva l-atti, speċjalment iċ-ċitazzjoni promotorja tal-ġudizzju relattivament għall-indikazzjoni anke ta' dak l-element tant essenzjali preskritt mil-liġi, tal-kawżali ċara*"[15]. B'mod partikolari, dik il-Qorti qieset id-differenza bejn il-każ tan-nuqqas ta' forma meħtieġa maħsuba fl-artikolu 789(1)(ċ) u l-każ tan-nuqqas ta' partikolarita' essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi maħsuba fl-artikolu 789(1)(d). Dan kien fi żmien qabel ma kienu ddaħħlu l-bidliet fil-liġi proċedurali tal-1995, meta l-atti formalment nulli setgħu jiġu msewwija bl-applikazzjoni tal-artikolu 175. Hemmhekk, waslet għall-fehma li t-tressiq ta' att ġudizzjarju minn persuna li ma kinitx awtorizzata tressqu kien ifisser nuqqas ta' ħarsien ta' kundizzjoni formali imma mhux waħda essenzjali tal-att. Fi kliem ieħor, kienet nullita' li taqa' taħt il-paragrafu (ċ) u mhux

---

[13] Ara P.A. GV **28.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***F.Merċieca & Sons Mobili Ltd. vs George Borġ et***

[14] Ara, per eżempju, P.A.**7.12.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Cutajar vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **LXXI.iii.736**)

[15] P.A. MCC **14.5.1970** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Henry Debono et noe vs Onor. Dottor. Vincent Tabone*** (Mhix pubblikata)

taħt il-paragrafu (d) tal-artikolu 789(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura;

Illi jekk wieħed japplika dak it-tagħlim għall-każ li għandna quddiemna, joħroġ li (a) il-kontro-talba tressqet mill-imħarrek (u miegħu żdiedet martu); (d) li f-forma tal-Kontro-talba ma kienet bl-ebda mod nieqsa minn xi partikolarita' meħtieġa espressament mil-liġi; (ċ) id-Dikjarazzjoni mehmuża mal-Kontro-talba nħalfet mill-imħarrek (kien ikun hemm effett differenti kieku nħalfet minn martu); (d) il-fatt li l-Kontro-talba saret ukoll minn mart l-imħarrek ma ġabet l-ebda preġudizzju lill-atturi, tant li huma setgħu jikkontestaw il-mertu tat-talbiet rikonvenzjonali; u (e) ladarba r-raġuni miġjuba mill-atturi rikonvenuti taqa' taħt l-artikolu 789(1)(ċ), din il-Qorti tista' tapplika l-artikolu 175(3) biex tordna li ssir bidla fis-sens li l-intestatura tal-Kontro-talba mressqa man-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-imħarrek Joseph Delia tkun tgħid li hija mressqa minnu biss;

Illi, b'dan il-mod, lanqas jista' jingħad li b'daqshekk sejra ġġarrab xi ħsara l-imsejħa fil-kawża, u dan minħabba l-fatt li hi kienet ressqet Nota tal-Eċċezzjonijiet fi żmien utli meta laqgħet l-atti tal-kawża bħala msejħa fil-kawża;

Illi, għalhekk, jidher li l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-atturi dwar l-azzjoni rikonvenzjonali tidher mistħoqqa, imma li dan il-fatt ma jġibx in-nullita' tal-istess Kontro-talba in kwantu tressqet mill-imħarrek Joseph Delia, iżda biss in kwantu tressqet minn martu Pauline Delia wkoll. Dan, wara kollox, kif trid il-liġi nnifisha meta titkellem dwar it-tressiq ta' atti ġudizzjarji minn persuni li ma jkunux awtorizzati[16] ;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-atturi rikonvenzjonati** u tiddikjara li, in kwantu l-Kontro-talba tressqet minn Pauline

[16] Ara l-arti. 787(1) tal-Kap 12

Delia, din ma tiswiex, imma tibqa’ tgħodd in kwantu tressqet minn żewġha l-imħarrek Joseph Delia;

Għall-finijiet tal-artikolu 175(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, **tordna t-tiswija** tal-Kontro-talba billi mill-intestatura tal-att jitneħħew il-kliem “u wkoll ta’ martu Pauline Delia”;

Minħabba li dan l-episodju nqala’ b’nuqqas tal-imħarrek u l-imsejħa fil-kawża, **tikkundannahom iħallsu l-ispejjeż marbuta ma’ din is-sentenza**; u

**Tordna li l-kawża** titħalla għat-trattazzjoni tal-għeluq fuq il-provi miġbura s’issa.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------